

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 98/2016

tad-29 ta' April 2016

li temenda l-Anness XVI (Akkwist pubbliku) tal-Ftehim ŻEE [2017/2048]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2170 tal-24 ta' Novembru 2015 li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjoni għall-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti ⁽¹⁾ għandu jiddaħħal fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2171 tal-24 ta' Novembru 2015 li jemenda d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjoni għall-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti ⁽²⁾ għandu jiddaħħal fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2172 tal-24 ta' Novembru 2015 li jemenda d-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjoni għall-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti ⁽³⁾ għandu jiddaħħal fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, l-Anness XVI tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XVI tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Li ġej jinżdied mal-punt 2 (id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat bi:

— **32015 R 2170:** Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2170 tal-24 ta' Novembru 2015 (ĠU L 307, 25.11.2015, p. 5).”

2. Li ġej jinżdied mal-punt 4 (id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat bi:

— **32015 R 2171:** Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2171 tal-24 ta' Novembru 2015 (ĠU L 307, 25.11.2015, p. 7).”

3. Li ġej jinżdied mal-punt 6f (id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat bi:

— **32015 R 2172:** Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2172 tal-24 ta' Novembru 2015 (ĠU L 307, 25.11.2015, p. 9).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2015/2170, (UE) 2015/2171 u (UE) 2015/2172 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 307, 25.11.2015, p. 5.

⁽²⁾ ĠU L 307, 25.11.2015, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 307, 25.11.2015, p. 9.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-30 ta' April 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 97/2016 tat-29 ta' April 2016 ⁽¹⁾, skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

(¹) Ara l-paġna 49 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.